IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum il-Hamis 15 t'Ottubru, 2026

Rikors numru: BCT/59/2026

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Joseph Abela

vs

Awtorita` tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell ta' Joseph Abela fejn giet ikkontestata d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 20 ta' Lulju, 2026 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 stante "*nuqqas ta' gheluq taz-zona fejn qed isir ix-xoghol b'materjal li jimblokka l-hrug ta' trab*". Permezz ta' tali appell, fir-rigward ta' din id-decizjoni, l-appellanti ikkontenda s-segwenti:

> *Thirdly, with regard to the dust-related fine, the works undertaken were solely plastering works, which do not generate dust in the same manner as demolition or cutting activities. The protective coverings on the doors and windows had to be temporarily removed to allow the plastering works to be*

completed. Once the works were finished, all the necessary protective coverings were immediately reinstated.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi mill-appell intavolat ex-admissis l-appellanti jikkonferma li kien hemm dak il-ksur li gie evidenzjat mill-Awtorita` u kwindi l-Awtorita` kienet korretta meta imponiet l-penali amministrattiva.*

3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-affidavit ta' Cedric Zammit u sema'x-xhieda tal-appellanti kemm waqt is-seduta tat-3 t' Awwissu, 2026 u kif ukoll fil-10 ta' Settembru, 2026.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluqa waqt is-seduta tal-10 ta' Settembru, 2026 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-Awtorita` qed takkuza lill-appellant bi "*Nuqqas ta'gheluq taz-zona fejn qed isir ix-xoghol b'materjal l jimblokka l-hrug ta' trab*", dana allegatament bi ksur tal-LS 623.08. Da parti tieghu, fir-rigward tan-natura tax-xoghol imwettaq, huwa palezi mill-appell interpost li l-appellanti jikkontendi primarjament li ma kienx qed iwettaq xoghol li seta' jwassal ghal trab. Fi kliemu ma kienx hemm xoghol ta' demolizzjoni jew tqattiegh imma biss kisi ta' hitan li ma

jiggenerax trab. Jghid li kien ghalhekk ukoll li l-aperturi ma kenux koperti u dana sabiex jippermettu kisi tal-gnub.

F'dan ir-rigward l-istess appellanti xehed ukoll:

> *Fir-rigward tat-trabijiet, jiena nghid illi kien hemm covering qabel imma konna wasalna lejn l-ahhar tax-xogholijiet fejn kien qed isir il-kisi u allura dan il-covering jien nehhejtu. Dan jiena ghamiltu sabiex ikun jista' jiksi anke l-gnub tal-aperturi u jittiehdu l-qisien skont il-bzonn. Nghid illi fil-fatt u mbaghad wara il-covering kont ergaht wahhaltu. (...) Fir-rigward tax-xogholijiet fil-Hadd, nghid li huwa minnu li kien hemm xoghol li sar il-Hadd madanakollu, x-xoghol kien wiehed ta' kisi biss* (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 t' Awwissu, 2026)

U wkoll:

> *Nagħmel referenza għat-tieni ritratt preżentat mill-Awtorita' fejn jidher l-iscaffolding b'ritratt meħud minn ġewwa l-fond u ngħid illi kif jidher f'dan ir-ritratt, il-ħajt minn ġewwa huwa miksi. U għalhekk ngħid illi ma kien hemm l-ebda trabijiet u l-ebda tqattiegħ b'chaser.*
> *Naghmel referenza wkoll ghall-ewwel ritratt esebit mill-Awtorita` fejn jidher il-jigger. Nghid illi dak il-jigger ma kienx qed jigi uzat imma kien impoggi hemmhekk sabiex inkompli naqla'l-madum nhar it-Tnejn.* (xhieda moghtija fl-10 ta' Settembru, 2026)

Da parti taghha l-Awtorita` ressqet appuntu diversi ritratti li jixhdu dak li sab l-ufficjal fuq il-post dakinhar tal-ispezzjoni. Ma gie prezentat l-ebda ritratt jew footage li juri trab hiereg mis-sit ghalkemm ittiehed ritratt li juri chaser u materjal tal-kostruzzjoni imqatta' mal-art. L-ufficjal Cedric Zammit xehed permezz tal-affidavit u f'dan ir-rigward illimita ruhu filli kkonferma t-trail of events fejn stqarr:

> *During the inspection the site was open with finishing works ongoing, upon arrival dust emissions were noted and works ongoing.*

L-istess dikjarazzjoni ma toffri l-ebda informazzjoni dwar is-sors ta' tali trab u liema xoghol kien qed jitwettaq mill-appellanti sabiex jipproduci trab. Min-naha l-ohra, kif imfisser hawn fuq, l-aggravvju imressaq huwa wiehed car u l-appellanti baqa' dejjem konsistenti fil-verzjoni tieghu fir-rigward tax-xoghol li kien qed iwettaq li kien dak ta' semplici kisi minghajr trab.

Ghalkemm it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jifhem li l-ufficjal stqarr xi haga li m'hijiex minnha, tenut kont tal-aggravvju u x-xhieda carissimi tal-appellanti, wiehed kien daqstant iehor jistenna li l-ufficjal jikkontrobatti l-istess – kif kellu kull opportunita` jaghmel – billi jidhol f' aktar dettall sabiex jispjega liema xoghol kien qieghed jigi imwettaq fuq is-sit x'hin acceda fih u kif tali xoghol kien qed jipproduci trab li johrog lilhinn miz-zona li fih kien qed isir ix-xoghol biex hu seta' jarah minn barra. Ir-ritratt ezebit, ghalkemm juri materjal imkisser, ma jippruvax li bil-kontra ta' dak mistqarr mill-appellanti kien qed isehh xoghol li jiggenera trab. It-Tribunal ma jistax jipprezumi li l-verzjoni tal-ufficjal tal-Awtorita` hija dejjem korretta u lanqas jista' jpprezumi x-xoghol kien qed isir fil-hin tal-access fuq il-post fin-nuqqas ta' xhieda cara f'dan ir-rigward da parti tal-istess ufficjal.

Illi ulterjorment it-Tribunal fela bir-reqqa l-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 biex jiddetermina abbazi liema disposizzjoni partikulari (wahda jew iktar minn wahda) kienet inharget il-penali amministrattiva odjerna. Kif diga` gie mtenni f'decizjonijiet ohrajn ta' dan it-Tribunal kif presjedut, it-Tribunal jemmen li jkun opportun li l-Awtorita` tibda tindika fis-sentenzi taghha id-disposizzjonijiet partikulari li abbazi taghhom tkun qed tigi imposta il-penali jew tkun ittiehdet kull mizura necessarja u dana lilhinn minn semplici indikazzjoni generika ta' Legislazzjoni Sussidjarja. It-Tribunal jemmen li m'ghandux ikun il-kompitu tal-persuna li lilha jigi imputat l-att li jwassal ghad-decizjoni appellata li toqghod tfittex fil-ligi sabiex tiddetermina jekk tezistix jew le xi disposizzjoni li tiggustifika l-azzjoni amministrattiva mehuda fil-konfront taghha. Wisq anqas ghandu jkun il-kompitu tat-Tribunal li jdur il-ligi sabiex jipprova jsib xi disposizzjoni li tista' talvolta tiggustifika l-azzjoni mehuda mill-Awtorita`.

Illi fil-kaz in ezami, kif inghad, l-Awtorita` illimitat ruhha filli semplicement taghmel referenza generika ghal-LS 623.08. It-Tribunal jerga' jtenni dak li jinsab diga` deciz f' appelli ohrajn decizi minn dan it-Tribunal kif presjedut senjatament **Amabile Camilleri vs Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni** (60/2024) fejn it-Tribunal fela bir-reqqa l-istess Legislazzjoni Sussidjarja u ma seta jsib imkien xi disposizzjoni legali li tezigi l-gheluq ta' aperturi f'kull hin,

irrispettivament minn kundizzjonijiet ohrajn. Madanakollu, r-Reg 2 u, b'mod partikulari, r-Reg 3, tat-Tielet Skeda li jipprovdi s-segwenti:

> *2. L-ebda persuna m'għandha tagħmel kwalunkwe xogħlijiet mingħajr ma tieħu l-miżuri li ġejjin sabiex jikkontrollaw l-emissjoni tat-trab:*
> *(a) sabiex tiġi limitata kwalunkwe generazzjoni ta' trab, waqt ix-xogħlijiet għandu jiġi mferrex ilma u, jew stabilizzanti ta' trab kimiku jew xi teknika oħra xierqa li tikkontrolla l-ħruġ ta' trab mis-sit;*
> *(b) kuljum, qabel jitlaq minn fuq s-sit, il-klijent għandu jnaddaf kwalunkwe tixrid relatat ma' xogħol li seta' waqa minħabba x-xogħol mill-passaġġ pubbliku quddiem s-sit;*
> *(ċ) kuljum, qabel jitlaq minn fuq s-sit, il-klijent għandu jiżgura li jinkinsu jew jiġu mnaddfa bil-vacuum il-bankini, toroq u żoni pubbliċi sa għaxar (10) metri 'l bogħod minn kull naħa tas-sit; u*
> *(d) għandu jiġi evitat li tinqix ta' żebgħa, fdal minn xkatlar, grit u trab jiġi f'kuntatt ma' ilma tax-xita u fejn jinġabar l-ilma.*
>
> *Xkatlar.*
> *3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi oħra, kwalunkwe persuna li tkun ser tixkatla, kemm jekk manwalment kemm b'xi makkinarju, għandha tiżgura li l-ħruġ ta' trab ikun kontrollat permezz ta' tagħmir fuq it-tagħmir mekkaniku kollu b'sistemi ta' estrazzjoni u rkupru ta' trab, flimkien ma':*
> *(a) għal żoni fuq barra, iż-żona kollha tax-xogħol għandha tingħalaq totalment b'materjal li jimblokka l-ħruġ ta' trab jew xi bċejjeċ oħra fl-ambjent tal-madwar;*
> *(b) għal żona fuq ġewwa, l-aperturi esterni kollha għandhom jingħalqu b'materjal impermeabbli qabel ma jibda kwalunkwe xogħol ta' xkatlar sabiex jimblokka l-ħruġ ta' trab.*

Mis-surreferit jirrizulta ulterjorment car li l-gheluq tal-aperturi, kif mitlub mill-Awtorita`, huwa fil-fatt mehtieg biss f'cirkostanzi ta' xoghol partikulari li, appuntu, jiggenera trab bhalma huwa l-ixkatlar fuq barra jew fuq gewwa skont ir-Reg 3 hawn fuq appena citat. Dan huwa xoghol li, madanakollu u tenut kont tal-kostestazzjoni cara tal-appellanti, ma tressqitx prova tieghu mill-Awtorita` sal-grad mehtieg ghall-konvinciment tat-Tribunal.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib li l-aggravvju imressaq jinsab pruvat u ser jghaddi sabiex jilqa' l-appell interpost minn din is-sentenza.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jilqa' l-appell u kwindi jirrevoka d-decizjoni moghtija fl-20 ta' Lulju, 2026.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru